# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI ELETTORALI

DWAR IT-TMEXXIJA TAL-ELEZZJONI ĠENERALI TAT-30 TA' MEJJU 2026



KUMMISSJONI ELETTORALI MALTA

Rapport mill-Kummissjoni Elettorali
dwar it-tmexxija tal-Elezzjoni Ġenerali tat-30 ta' Mejju 2026

Disinn: Striped Sox
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern.
Ħajr lid-Dipartiment tal-Informazzjoni u lill-Korp tal-Pulizija
għar-ritratti murija fir-rapport.

# WERREJ

## 01 · IL-KUMMISSJONI ELETTORALI

Kompożizzjoni 02
Funzjonijiet ewlenin 02
Reġistrazzjoni ta' Partiti Politiċi 02
Reviżjoni tal-konfini elettorali 02

## 02 · PREPARAMENTI TA' QABEL L-ELEZZJONI

Il-Kumpless tal-Għadd tal-Voti 04
Spezzjonijiet fil-Postijiet tal-Votazzjoni 04
Sala għall-Għadd tal-Voti 05
Uffiċċju Elettorali fir-Rabat Għawdex 05
Sistema elettronika tal-għadd tal-voti 06
Ħażna ta' Karta tas-Sigurtà 06

## 03 · TITĦABBAR ID-DATA TAL-ELEZZJONI ĠENERALI

Ir-Writ Tal-E.T. l-President 08
Ir-Reġistru Elettorali u l-Websajt 08
Pubblikazzjoni tal-Avviż Uffiċjali 09
Votazzjoni fid-Djar tal-Anzjani 09
Post tal-Votazzjoni f'Għawdex 10
Stampar ta' dokumenti għall-votazzjoni 10
Tqassim tad-dokumenti għall-votazzjoni 10
Nomini ta' kandidati 12
Stampar ta' poloz tal-votazzjoni 12
Arranġamenti għal min ried jivvota ġimgħa qabel 14
Trasferiment ta' dokumenti għall-votazzjoni minn Għawdex għal Malta u viċi-versa 14
Trasport 14
Arranġamenti fl-Isptarijiet u Djar tal-Anzjani, inkluż f'SVP 15
Postijiet u kmamar tal-votazzjoni 15
Laqgħat informattivi u ta' struzzjoni 17
Ħatra ta' Assistenti Kummissjonarji Elettorali fil-jiem tal-votazzjoni u persuni fid-diversi karigi fl-għadd tal-voti b'mod elettroniku 18

## 04 · ERBAT IJIEM TA' VOTAZZJONI

L-ewwel Jum tal-Votazzjoni 20
It-Tieni Jum tal-Votazzjoni 21
It-Tielet Jum tal-Votazzjoni 21
Ir-Raba' Jum tal-Votazzjoni 21
Votazzjoni assistita 22
Il-Kaxxi tal-Votazzjoni 23
Mowbajls użati mill-PPOs u spezzjonijiet 23
Opportunitajiet għall-midja 24
Arranġamenti speċjali waqt il-votazzjoni 24
Għeluq il-votazzjoni 26
Trasport bil-coaches u bl-MV Gaudos 26

## 05 · L-GĦADD TAL-VOTI U R-RIŻULTAT


| | |
|---|---|
| Il-ftuħ tal-kaxxi tal-votazzjoni | 28 |
| Il-Wiri, l-iskenjar u aġġudikazzjoni tal-voti dubjużi | 28 |
| Voti mixħuta, validi u invalidi | 29 |
| Il-proċess tal-għadd u l-ewwel preferenzi lill-partiti | 30 |
| Żewġ Membri Parlamentari addizzjonali | 30 |
| Riżultati ppreżentati lill-E.T. l-President | 31 |
| Riżultati ppreżentati lill-Iskrivan tal-Kamra | 31 |
| Riżultati ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern | 31 |


## 06 · ELEZZJONIJIET KAŻWALI


| | |
|---|---|
| Writ mill-E.T. l-President | 34 |
| Riżultati | 34 |
| Vakanzi bħala Kunsilliera f'diversi Kunsilli Lokali | 35 |


## 07 · L-ISPEJJEŻ LI NTNEFQU BIEX SARET L-ELEZZJONI


| | |
|---|---|
| Lista tal-ispejjeż | 38 |
| Spejjeż imħallsa | 38 |
| Titjiriet sussidjati | 38 |


## 08 · INFORMAZZJONI OĦRA


| | |
|---|---|
| Rendikonti | 40 |
| Osservaturi | 40 |
| Evalwazzjoni | 40 |


## 09 · RADD IL-ĦAJR


| | |
|---|---|
| Ringrazzjamenti diretti | 42 |
| Ringrazzjamenti oħra | 42 |


## 10 · APPENDIĊI


| | |
|---|---|
| Proklama | 44 |
| Writ bil-Malti | 45 |
| Writ bl-Ingliż | 46 |
| Kampjun tad-Dokument għall-Votazzjoni | 47 |
| Kampjun tal-Poloz tal-Votazzjoni | 48 |
| Pjanta tas-Sala tal-Għadd | 55 |
| Tabella 1- Formazzjoni tad-Distretti Elettorali | 56 |
| Tabella 2 - Dokumenti għall-Votazzjoni | 59 |
| Tabella 3 - Djar tal-Anzjani b'aktar minn 50 elettur | 60 |
| Tabella 4 - Tqassim tad-Dokumenti għall-Votazzjoni | 61 |
| Tabella 5 - Kandidaturi | 62 |
| Tabella 6 - Poloz tal-Votazzjoni | 63 |
| Tabella 7 - Votanti f'kull kamra tal-votazzjoni | 64 |
| Tabella 8 - Rendikont tad-Dokumenti għall-Votazzjoni u Votanti | 68 |
| Tabella 9 - Kaxxi Mħallta | 69 |
| Tabella 10 - Voti Invalidi | 70 |
| Tabella 11 - L-Ewwel Preferenza | 71 |
| Tabella 12 - Deputati Eletti | 72 |

01

## IL-KUMMISSJONI

# ELETTORALI

## KOMPOŻIZZJONI

Il-Kummissjoni Elettorali hija mwaqqfa bis-saħħa tal-artikolu 60 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-membri tal-Kummissjoni jinħatru mill-President ta' Malta fuq parir tal-Prim Ministru, mogħti wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni. Il-membri tal-Kummissjoni Elettorali li kienu fil-kariga, inħatru b'seħħ mit-30 ta' Awwissu, 2024 għal perjodu ta' tliet snin, permezz tal-Avviż tal-Gvern Nru. 1120, ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,308 tat-3 ta' Settembru, 2024. L-għaxar membri huma:

- Is-Sa Melanie Azzopardi
- Dott. Veronique Dalli
- Is-Sur Richard Dimech
- Dott. Dianne Galea
- Dott. Ian Micallef
- Is-Sa Marion Portelli
- Is-Sur Salvu Sant
- Dott. Victor Scerri
- Is-Sur Angelito Sciberras
- Is-Sur Joseph Scicluna

Il-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali, is-Sur Joe Camilleri, li huwa ċ-Chairman tal-Kummissjoni Elettorali u Kap tal-Uffiċċju Elettorali, ingħata din il-kariga mill-Prim Ministru, b'seħħ mis-27 ta' Lulju, 2020, permezz tal-Avviż tal-Gvern Nru. 856, ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,448 tat-28 ta' Lulju, 2020. Is-Sinjorina Josianne Sultana nħatret Segretarja tal-Kummissjoni Elettorali fl-1 ta' April, 2020.

## FUNZJONIJIET EWLENIN

Il-funzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni Elettorali, li joriġinaw mill-Kostituzzjoni, mill-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, mill-Att dwar Gvern Lokali, mill-Att dwar Elezzjonijiet Għall-Parlament Ewropew, u mill-Att dwar ir-Referendi, huma ż-żamma tar-Reġistri Elettorali tal-Elezzjoni Ġenerali, tal-Kunsilli Lokali u tal-Unjoni Ewropea, u l-pubblikazzjoni tagħhom kull April u Ottubru, ir-reviżjoni tal-konfini tad-Distretti Elettorali u t-tmexxija tal-elezzjonijiet. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha skont il-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni Elettorali mhix suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra.

## REĠISTRAZZJONI TA' PARTITI POLITIĊI

Skont il-liġi dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politiċi (Kap. 544), il-Kummissjoni Elettorali għandha żżomm reġistru tal-partiti politiċi li bħalissa fih erbatax-il Partit Politiku li huma:

- ABBA,
- Alleanza Bidla Party,
- AD+PD,
- Aħwa Maltin,
- Brain Not Ego,
- Floriana L-Ewwel,
- Għarb L-Ewwel,
- Imperium Europa (IE),
- Momentum,
- Moviment Patrijotti Maltin,
- Partit Laburista,
- Partit Nazzjonalista,
- Residenti Beltin, u
- Volt Malta.

Irriżulta li l-partiti *'ABBA', 'Alleanza Bidla Party', 'Brain, Not Ego', 'Floriana L-Ewwel', 'Għarb L-Ewwel', 'Moviment Patrijotti Maltin', 'Residenti Beltin' u 'Volt Malta'*, ma kkontestawx l-Elezzjoni Ġenerali.

Żewġ kandidati kkontestaw bħala kandidati indipendenti.

## REVIŻJONI TAL-KONFINI ELETTORALI

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 61(1) tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni Elettorali għandha tirrevedi l-konfini tad-Distretti Elettorali f'intervall ta' mhux anqas minn sentejn u mhux iżjed minn ħames snin mill-aħħar reviżjoni tal-konfini tad-Distretti Elettorali, li kienet seħħet fis-16 ta' Marzu, 2021.

Il-Kummissjoni Elettorali bdiet id-diskussjoni għar-reviżjoni tal-konfini elettorali fl-2024. Peress li ma kienx hemm qbil unanimu fi ħdan il-Kummissjoni Elettorali, apparti r-rapport dwar ir-reviżjoni tal-konfini tħejja wkoll rapport ta' minoranza. Dawn iż-żewġ rapporti kienu ppreżentati lill-Prim Ministru u lill-Kap tal-Oppożizzjoni fil-5 ta' Marzu, 2025, u sussegwentament tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fl-1 ta' April, 2025 (seduta Nru. 328). Ir-reviżjoni tal-konfini tad-Distretti Elettorali ġiet diskussa u approvata fil-Parlament fis-seduta Nru. 358 tat-23 ta' Ġunju, 2025. Il-konfini riveduti ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,472 tat-22 ta' Lulju, 2025. Tabella Nru. 1 tagħti stampa tal-kompożizzjoni ta' kull Distrett Elettorali skont dan l-aħħar rapport tal-Kummissjoni Elettorali, li fuqu saret l-Elezzjoni Ġenerali. Ir-Reġistru Elettorali ta' Ottubru 2025, ta' April 2026 u r-reġistru "rolling" tal-1 ta' Mejju 2026, li l-Kummissjoni Elettorali kienet marbuta li tippubblika fi żmien ħamest ijiem mill-pubblikazzjoni tar-Writ Presidenzjali, ħarġu abbażi ta' din ir-reviżjoni tal-konfini.

02

# PREPARAMENTI TA' QABEL L-ELEZZJONI



## IL-KUMPLESS TAL-GĦADD TAL-VOTI

Il-Kummissjoni Elettorali ħadet ħsieb li l-kumpless ikollu l-faċilitajiet kollha lesti u fi stat ta' użu tajjeb għal meta titħabbar id-data tal-elezzjoni. Saru xogħlijiet ta' immodernizzar fiż-żona fejn ikunu akkomodati l-forzi tas-sigurtà, u matul il-proċess tal-elezzjoni l-istess binja ntużat sabiex minnha sar ix-xogħol kollu marbut mal-ingaġġar tal-Assistenti Kummissjonarji Elettorali. Sar ukoll it-tqassim fis-sala għar-rigward tal-postijiet allokati għall-Kummissjoni Elettorali (u fejn tkun il-mejda tal-Kummissjoni Elettorali) u fejn ikunu d-Delegati tal-PL u tal-PN kif ukoll fejn jitqiegħdu l-cameras u l-ġurnalisti tal-istazzjonijiet televiżivi – ara pjanta annessa fl-Appendiċi. Inkrew żewġ għelieqi fil-viċinanzi li servew bħala żona ta' parkeġġ għal dawk kollha li b'xi mod kienu involuti fil-proċessi elettorali.

## SPEZZJONIJIET FIL-POSTIJIET TAL-VOTAZZJONI

Il-Kummissjoni Elettorali ħadet ħsieb li tibda minn kmieni l-ispezzjonijiet fil-postijiet li normalment jintużaw bħala Postijiet tal-Votazzjoni biex taċċerta ruħha li n-numru ta' Kmamar tal-Votazzjoni disponibbli baqa' adegwat. Dawn il-postijiet ġeneralment jikkonsistu fi skejjel tal-Istat u kien hemm kollaborazzjoni sħiħa bejn il-Kummissjoni Elettorali u l-Ministeru tal-Edukazzjoni biex dan seta' jsir mingħajr problemi. Il-Kummissjoni Elettorali għamlet mill-aħjar biex taċċerta li l-eletturi jivvotaw f'Post tal-Votazzjoni kemm jista' jkun qrib ir-residenza tagħhom u li jkun hemm aċċess għall-persuni bi ħtiġijiet speċjali. Sfida akbar mis-snin ta' qabel kienet li jinstabu Postijiet tal-Votazzjoni flok l-iskejjel Primarji ta' Birkirkara, In-Naxxar u l-Mellieħa. Dan peress li dawn it-tliet skejjel qegħdin f'fażi ta' kostruzzjoni. Għaldaqstant saru arranġamenti ma' skola tal-knisja fil-viċinanzi tal-Iskola Primarja ta' Birkirkara, iċ-ċentri parrokkjali tal-lokalità fin-Naxxar filwaqt li fil-Mellieħa ntużaw 'prefabricated classrooms'.

Il-Kummissjoni Elettorali wettqet ukoll spezzjonijiet f'dawk id-Djar tal-Anzjani li setgħu jikkwalifikaw kif titlob il-liġi biex ikollhom kaxxa tal-votazzjoni fihom sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jivvotaw hemmhekk stess fil-jum allokat apposta għalihom.

## SALA GĦALL-GĦADD TAL-VOTI

Is-sala baqgħat armata wara l-aħħar Elezzjonijiet ta' Ġunju 2024, però l-Kummissjoni Elettorali ħadet ħsieb li ssir il-manutenzjoni kollha meħteġa fl-armar tas-sala. Fis-Sala tal-Għadd tal-Voti, is-sistema tal-sigurtà irrekordjat il-proċess kollu tal-għadd sabiex il-Kummissjoni Elettorali jkollha viżibilità totali tal-proċess kollu fl-istadji varji tiegħu. Fil-każ tal-ħtieġa li jiġi vverifikat xi aspett, dan seta' faċilment isir b'mod effiċjenti u effettiv permezz ta' din is-sistema.

## UFFIĊĊJU ELETTORALI FIR-RABAT GĦAWDEX

Lejn l-aħħar tas-sena 2024, l-Uffiċċju Elettorali fir-Rabat Għawdex kien rilokat ġo binja oħra fir-Rabat Għawdex stess. Il-binja l-ġdida hija ħafna akbar minn ta' qabilha u offriet spazju akbar minn fejn l-Uffiċċju seta' jmexxi l-proċessi elettorali u jipprovdi servizz aħjar għall-votanti Għawdxin.



## SISTEMA ELETTRONIKA TAL-GĦADD TAL-VOTI

F'din l-elezzjoni ntużat mill-ġdid is-sistema elettronika tal-għadd tal-voti. Il-Kummissjoni Elettorali ħadet ħsieb sabiex ittejjeb aktar il-Media App li ntużat għall-ewwel darba fl-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilli Lokali tal-2024, sabiex il-ġurnalisti fil-Media Centre jiġu kontinwament aġġornati bl-andament tal-proċess tal-għadd tal-voti.

## ĦAŻNA TA' KARTA TAS-SIGURTÀ

Il-Kummissjoni Elettorali ħadet ħsieb minn ħafna qabel, li jkollha ħażna biżżejjed fl-istrong rooms tagħha, karta tas-sigurtà li fuqha tistampa d-dokumenti għall-votazzjoni, il-poloz tal-votazzjoni u l-listi tal-eletturi bir-ritratt li għandhom jedd jivvotaw, magħrufa bħala LOPEV.



03

# TITĦABBAR ID-DATA

## TAL-ELEZZJONI ĠENERALI

# IR-WRIT TAL-E.T. L-PRESIDENT

Fis-27 ta' April, 2026, il-Parlament ġie ddikjarat xolt permezz ta' Proklama tal-President ta' Malta. Fl-istess data l-President ta' Malta ħarġet Proklama oħra li tistabbilixxi d-data tat-30 ta' Mejju, bħala d-data li fiha kellha ssir l-Elezzjoni Ġenerali tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Fl-aħħarnett, il-President dakinhar stess iffirmat ir-Writ (Kopja tiegħu tinsab fl-Appendiċi) li bih il-Kummissjoni Elettorali kienet inkarigata biex tieħu ħsieb li ssir l-Elezzjoni Ġenerali kif stabbilit fil-Proklama tal-President. Ir-Writ kien ippubblikat dakinhar stess f'ħarġa straordinarja tal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,631 biex b'hekk beda l-proċess għal din l-elezzjoni. Il-Kummissjoni Elettorali kellha 33 jum, il-minimu possibbli bil-liġi, biex torganizza u tmexxi din l-Elezzjoni Ġenerali.

# IR-REĠISTRU ELETTORALI U L-WEBSAJT

Fost l-ewwel affarijiet li kellha tagħmel il-Kummissjoni Elettorali kien li tippubblika r-Reġistru Elettorali. Ir-Reġistru Elettorali (rolling) kellu jiġi ppubblikat fi żmien ħamest ijiem mis-27 ta' April, kellu jkun aġġornat b'kull tibdil f'xi partikolarità sas-27 ta' April u bl-inklużjoni ta' dawk il-votanti li kienu se jagħlqu 16-il sena sa lejlet l-elezzjoni (il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju). Ir-Reġistru Elettorali kien ippubblikat permezz ta' Avviż Nru. 720, fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,637 tal-1 ta' Mejju. Il-Kummissjoni Elettorali, offriet il-faċilità li fuq il-websajt fis-sezzjoni "Nista' nivvota?", individwu seta' jara hux intitolat għall-vot u fuq liema lokalità u distrett elettorali. Dan billi fil-websajt jiddaħħlu xi partikolaritajiet personali jew id-dettalji tal-eID Card.

In-numru ta' votanti eliġibbli biex jivvotaw f'din l-elezzjoni kien ta' 356,707.

Ta' min iżid jgħid illi fil-perijodu allokat mil-liġi biex isiru u jinstemgħu appelli quddiem l-Uffiċjali Reviżuri, mid-data tal-pubblikazzjoni tar-Reġistru sas-16 ta' Mejju, saru total ta' 181 appell (rikorsi) li kienu hekk deċiżi: żieda ta' votanti – 130; tnaqqis ta' votanti – 5; trasferimenti – 4; miċħuda jew irtirati – 42. Għaldaqstant, in-numru ta' votanti eliġibbli żdied b'50, għal total ta' 356,832.

**181**
APPELL

**356,832**
VOTANTI ELIĠIBBLI

Tabella Nru. 2 (fl-Appendiċi) turi n-numru tad-dokumenti għall-votazzjoni għat-tqassim u dawk li nżammu.

# PUBBLIKAZZJONI TAL-AVVIŻ UFFIĊJALI

Il-Kummissjoni Elettorali, fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,636 tat-30 ta' April ippubblikat l-indirizzi tal-Postijiet tal-Votazzjoni, in-numru tal-Kmamar tal-Votazzjoni f'kull distrett u lokalità kif ukoll id-dati li fihom kienet ser tilqa' n-nomini tal-kandidati. Dawn saru fuq ħamest ijiem u setgħu jintlaqgħu wkoll b'mod elettroniku mingħajr ma l-kandidat imur fiżikament fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali. Fl-istess avviż il-Kummissjoni Elettorali għarrfet lill-elettorat bil-ħinijiet tal-votazzjoni (bejn is-7.00 ta' filgħodu u l-10.00 ta' filgħaxija) u bl-erbat ijiem tal-votazzjoni, jiġifieri:

- Is-Sibt, 23 ta' Mejju, 2026, għall-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali u l-Membri tal-Kummissjoni Elettorali, għall-votanti li jirreġistraw minn qabel li kienu ser ikunu msiefra jew rikoverati fi sptar fil-jum proprja tal-votazzjoni, għar-residenti f'San Vinċenz de Paul, għar-residenti tal-34 Dar tal-Anzjani li kkwalifikaw skont il-liġi, għall-Assistenti Kummissjonarji Elettorali u r-riżervi li kienu se jservu t-Tlieta, 26 ta' Mejju, u għar-residenti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li kellhom id-dritt tal-vot;
- It-Tlieta, 26 ta' Mejju, 2026, għall-Assistenti Kummissjonarji Elettorali inklużi r-riżervi u l-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija;
- Il-Ħamis, 28 ta' Mejju, 2026, għall-eletturi rikoverati fl-Isptarijiet Mater Dei (inkluż SAMOC), Karin Grech, Monte Karmeli u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex; u
- Is-Sibt, 30 ta' Mejju, 2026, għall-kumplament tal-elettorat fil-Postijiet tal-Votazzjoni indikati fuq id-dokumenti għall-votazzjoni.

# VOTAZZJONI FID-DJAR TAL-ANZJANI

Hekk kif tħabbret id-data tal-Elezzjoni Ġenerali, twaqqaf is-Sottokumitat, skont il-Liġi Elettorali, għat-tmexxija tal-elezzjonijiet fid-Djar tal-Anzjani u fl-Isptarijiet, biċ-Chairman ikun Kummissjonarju u bir-rappreżentanza tal-Partiti Politiċi. Saru laqgħat mal-amministraturi ta' dawn l-istituzzjonijiet biex kollox jimxi sewwa fil-prattika.

Il-Kummissjoni Elettorali elenkat ukoll dawk id-Djar tal-Anzjani li kkwalifikaw biex fihom ikollhom kaxxa/i tal-votazzjoni sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jivvotaw hemmhekk stess fil-jum allokat apposta għalihom, is-Sibt, 23 ta' Mejju. Fl-Avviż tal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,640 tas-7 ta' Mejju kienu elenkati 31 Dar f'Malta u 3 f'Għawdex.  Magħhom iżżid lil San Vinċenz de Paul.  Tabella Nru. 3 (fl-Appendiċi) turi l-ismijiet u l-lokalitajiet ta' dawn id-Djar.

Il-Kummissjoni Elettorali spezzjonathom kollha biex taċċerta ruħha li ssib kamra jew sala adattata fejn fiha ssir il-votazzjoni u fl-istess ħin tikkordina bl-aħjar mod mal-amministratur ta' kull Dar biex jiġi żgurat li l-votant, meqjus bħala vulnerabbli, jingħata servizz xieraq bl-inqas inkonvenjent u tbatija. Fejn dehrilha xieraq minħabba ammont kbir ta' residenti, u għall-konvenjenza tagħhom, il-Kummissjoni Elettorali żiedet sa massimu ta' tliet Kmamar tal-Votazzjoni f'Dar tal-Anzjani waħda. Fil-votazzjoni tad-Djar tal-Anzjani u f'San Vinċenz de Paul kienu eliġibbli li jivvotaw 7,773 persuna.

## POST TAL-VOTAZZJONI F'GĦAWDEX

Il-Kummissjoni Elettorali reġgħet ramat Ċentru għall-Votazzjoni, fil-Farm Sperimentali tal-Gvern, fi Triq l-Imġarr, Ix-Xewkija, għall-Assistenti Kummissjonarji Elettorali, l-Uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija u għall-votanti rreġistrati f'Għawdex li għażlu li jivvotaw ġimgħa qabel.

## STAMPAR TA' DOKUMENTI GĦALL-VOTAZZJONI

Id-dokument għall-votazzjoni kien stampat fuq karta sintetika, bir-ritratt stampat bil-kulur.

Kampjun ta' dokument għall-votazzjoni jinsab fl-Appendiċi. Id-dokumenti għall-votazzjoni tal-Elezzjoni Ġenerali ġew stampati fl-Istamperija tal-Gvern fil-Marsa, fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Partiti Politiċi, mill-1 sat-3 ta' Mejju, 2026.

B'kollox ġew stampati 356,832 dokument għall-votazzjoni. Għall-fini ta' statistika, ġew stampati wkoll 193 dokument speċjali li ħadu post dawk irrappurtati mitlufa jew imqattgħa mill-eletturi.

## TQASSIM TAD-DOKUMENTI GĦALL-VOTAZZJONI

Għal darba oħra, f'din l-elezzjoni ntużat is-sistema diġitali għat-tqassim tad-dokumenti għall-votazzjoni magħrufa bħala Voting Document Tracking System (VDTS). L-iskop primarju tal-VDTS huwa li tiffaċilita mill-bidu sal-aħħar, il-proċess tat-tqassim tad-dokumenti għall-votazzjoni.

Għal din l-elezzjoni, kull Uffiċjal tal-Pulizija kien ipprovdut b'mowbajl ġdid.

Din il-verżjoni diġitali tiffaċilita l-verifika u ż-żamma ta' rekords ta' min irċieva d-dokumenti u fejn tqassmu, kif ukoll toffri statistika f'ħin reali, li huma essenzjali tul il-proċess elettorali.

Uffiċjali tal-Pulizija ġew inkarigati mill-Kummissjoni Elettorali biex iqassmu d-dokumenti għall-votazzjoni bieb bieb bejn l-4 ta' Mejju u l-15 ta' Mejju, 2026. Bis-sistema tal-VDTS, tqassmu 341,520 dokument għall-votazzjoni.

F'dan l-ewwel perjodu l-Uffiċjali tal-Pulizija qassmu 81% tad-dokumenti. Il-Kummissjoni Elettorali stampat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Mejju, 2026, Nru. 21,646, skont il-liġi, lista sħiħa tad-dokumenti li ma tqassmux, bid-dettalji tal-votanti u l-indirizzi tagħhom. Dawn ammontaw għal 62,239 li minnhom 7,327 kienu ta' votanti rreġistrati fuq Għawdex.

Wara, l-votanti setgħu jiġbru d-dokument tagħhom personalment mill-Għassa tal-Pulizija ta' fejn kienu rreġistrati (jew mill-Kunsill Lokali)* bejn it-Tlieta 19 u l-Ħadd 24 ta' Mejju, 2026.

Imbagħad, id-dokumenti setgħu jinġabru fl-aħħar jiem mill-Uffiċċji tal-Kummissjoni Elettorali fin-Naxxar jew fir-Rabat, Għawdex, skont il-każ. Kien hemm żmien mit-Tnejn 25 ta' Mejju sa nofsillejl tal-Ħamis it-28 ta' Mejju, 2026.

Baqgħu ma nġabrux 15,312-il dokument, 13,910 rreġistrati fuq Malta u 1,392 fuq Għawdex.  B'kollox tqassmu jew inġabru 341,520 dokument u għalhekk, sal-aħħar, baqgħu ma nġabrux 4% tad-dokumenti għall-votazzjoni. Dan ifisser li 15,312-il dokument għall-votazzjoni ġew issiġillati skont ma tistipula l-liġi.  Tabelli Nri. 3 u 4 (fl-Appendiċi) juru sommarju ta' dan u l-lista dettaljata ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,654 tad-29 ta' Mejju, 2026.

Wara kull fażi tal-proċess tat-tqassim, sar eżerċizzju ta' rikonċiljazzjoni li ġie konkluż fi ftit ħin, peress li l-Kummissjoni Elettorali ħadet ħsieb tixtri żewġ 'Barcode Readers' ġodda, li żdiedu mat-tliet magni li kellha diġà.

L-ispiża marbuta mal-istampar u t-tqassim tad-dokumenti għall-votazzjoni kienet ta' €1,714,614 maqsuma kif ġej:

| | € |
|---|---|
| Taħriġ | 30,324 |
| Stampar tad-dokumenti għall-votazzjoni | 74,568 |
| Tqassim tad-dokumenti għall-votazzjoni | 1,279,119 |
| Spejjeż oħra | 330,603 |
| Total | 1,714,614 |

** F'dan it-tieni stadju t-tqassim sar minn 32 Għassa tal-Pulizija u 24 Kunsill Lokali*

# NOMINI TA' KANDIDATI

In-nomini għall-kandidati prospettivi saru bejn is-7 u l-11 ta' Mejju, 2026 u l-Formoli tan-Nomina setgħu jimtlew anke elettronikament mill-websajt tal-Kummissjoni Elettorali. F'dawn il-ġranet il-Kummissjoni Elettorali rċeviet 282 kandidatura minn 162 kandidat.

In-numru ta' kandidati maqsuma bil-partit kienu:

| | |
|---|---|
| AD+PD | **8** |
| Aħwa Maltin | **7** |
| Imperium Europa (IE) | **1** |
| Momentum | **7** |
| Partit Laburista | **72** |
| Partit Nazzjonalista | **65** |
| Indipendenti | **2** |

Il-lista uffiċjali approvata mill-Kummissjoni Elettorali ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,644 tal-15 ta' Mejju, 2026.

120 kandidat ikkontestaw żewġ distretti elettorali, filwaqt li 42 kandidat ieħor ikkontestaw fuq distrett elettorali wieħed biss.

Id-dettalji tagħhom skont il-partit li ħarġu miegħu jinsabu f'Tabella Nru. 5 annessa fl-Appendiċi ta' dan ir-rapport.

Kull kandidat seta', waqt li qed jippreżenta n-nomina, jara kif se jidhru d-dettalji tiegħu fuq kampjun tal-polza tal-vot. Din ma kinitx finali peress li kollox kien suġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni Elettorali. Il-kandidati u uffiċjali tal-Partiti ġew ukoll mistiedna aktar tard biex jaraw l-aħħar prova tal-polza tal-votazzjoni qabel ma beda l-proċess tal-istampar.

# STAMPAR TA' POLOZ TAL-VOTAZZJONI

L-ewwel ma ġew stampati kienu l-kaxex fuq wara tal-polza fejn l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali kellhom jittimbraw kull polza fil-jum tal-votazzjoni. Dan sabiex l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali jkunu konsistenti fuq il-post fejn jittimbraw. Dan sar bejn il-15 u s-16 ta' Mejju. In-naħa ta' quddiem tal-poloz ġie stampat, dejjem fil-preżenza tad-Delegati tal-Partiti, bejn is-17 u t-18 ta' Mejju. Dan kien jikkonsisti fl-istampar ta' 13-il polza differenti b'dettalji ta' 282 kandidatura maqsuma skont il-partiti politiċi jew indipendenti u kollha bir-ritratt tal-kandidati ħdejn isimhom.

Għall-poloz tal-votazzjoni ntużaw kuluri differenti għal dawk il-partiti li ppreżentaw erba' kandidati jew aktar fuq kull Distrett Elettorali għax b'hekk kienu intitolati għal kulur partikolari. Fil-fatt, il-Kummissjoni Elettorali, allokat l-aħmar u l-ikħal rispettivament għall-Partit Laburista u għall-Partit Nazzjonalista. Il-kumplament tal-partiti kontestanti u kandidati indipendenti kienu stampati bl-iswed. Kampjuni tal-poloz tal-votazzjoni jinsabu fl-Appendiċi.

Wara li ngħaddu l-poloz kollha, dawn tqassmu f'pakketti ta' 50 polza u ġew ippakkjati fil-kaxex, issiġillati u maħżuna fl-istrongroom tal-Kummissjoni Elettorali fl-Istamperija tal-Gvern sabiex fil-ġranet ta' qabel il-votazzjoni jitqassmu u jittieħdu fl-istrongrooms tal-Postijiet tal-Votazzjoni. Kif jidher f'Tabella Nru. 6, fl-appendiċi, b'kollox ġew stampati 494,450 polza tal-votazzjoni u l-Kummissjoni Elettorali ppubblikat id-dettalji dwar it-tqassim tal-Poloz tal-Votazzjoni fil-Kmamar tal-Votazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,651 tas-26 ta' Mejju. L-istampar tal-listi bir-ritratt u d-dettalji ta' persuni li għandhom dritt jivvotaw, magħrufa bħala LOPEV, sar f'temp ta' 14-il siegħa fit-22 ta' Mejju u bejn il-25 u s-26 ta' Mejju. Dawn l-eżerċizzji kollha saru mill-impjegati tal-Uffiċċju Elettorali, b'mod trasparenti fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Partiti Politiċi ewlenin, kif ipprovdut fil-Liġi Elettorali.

Skont il-provvedimenti tal-liġi, il-Kummissjoni Elettorali pprovdiet 'Braille Template' tal-polza tal-votazzjoni. L-issettjar u l-istampar tal-Braille beda mill-ewwel hekk kif għalaq il-perjodu għas-sottomissjoni tal-nomini tal-kandidati, u wara li l-Kummissjoni Elettorali approvat l-ismijiet tal-kandidati.

L-ismijiet tal-kandidati ġew ipproċessati fil-format tal-Braille mill-FITA*. L-istampar imbagħad sar fi stamperija privata. Ħaddiema temporanji tal-Kummissjoni Elettorali immuntawhom fuq il-kartun biex il-votant seta' jivvota mingħajr assistenza. Saru għaxar talbiet għall-użu tat-template tal-Braille. L-ispiża biex saret din il-Braille Template laħqet is-somma ta' €19,600.

**Foundation for Information Technology Accessibility (FITA).*



## ARRANĠAMENTI GĦAL MIN RIED JIVVOTA ĠIMGĦA QABEL

Għal dawk il-persuni li wrew ix-xewqa li jivvotaw ġimgħa qabel Jum il-Votazzjoni, minħabba li kienu se jkunu msifrin jew rikoverati fl-isptar dakinhar tal-elezzjoni, il-Kummissjoni Elettorali ħadet ħsieb li tipprovdilhom żewġ metodi ta' applikazzjoni, metodu elettroniku ta' applikazzjoni, kif ukoll il-metodu tradizzjonali fejn wieħed seta' japplika b'mod personali.

Dawk il-votanti li xtaqu jagħmlu dikjarazzjoni biex jivvotaw ġimgħa qabel setgħu jagħmluha mill-Ġimgħa l-1 ta' Mejju, 2026 sa nofsinhar tat-22 ta' Mejju, 2026 u b'kollox applikaw 9,757 votant għal dan is-servizz biex jivvotaw fit-23 ta' Mejju, 2026.

## TRASFERIMENT TA' DOKUMENTI GĦALL-VOTAZZJONI MINN GĦAWDEX GĦAL MALTA U VIĊI-VERSA

Il-Kummissjoni Elettorali fetħet sa mit-28 ta' April, 2026, l-applikazzjonijiet kemm onlajn kif ukoll b'mod personali, biex votanti li għandhom il-vot irreġistrat fuq Għawdex jinġibilhom id-dokument għall-votazzjoni mill-Kummissjoni Elettorali f'Malta biex jinġabar mill-uffiċċju tagħha fin-Naxxar u għall-votanti rreġistrati Malta biex jitteħdilhom u jinġabar mill-uffiċċju tagħha fir-Rabat, Għawdex. Dawn eventwalment ammontaw għal 1,318. Dan il-proċess huwa rregolat fil-Liġi Elettorali.

## TRASPORT

Il-Kummissjoni Elettorali ħadet ħsieb tipprovdi t-trasport meħtieġ tul il-proċess elettorali. Għal dan il-għan, ġew ipprovduti 200 minibus u saru 310 vjaġġ sabiex l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali u l-Pulizija li akkumpanjawhom jitwasslu fil-lokalitajiet kollha ta' Malta, wara li jkunu ddepożitaw il-kaxex tal-voti u materjal elettorali ieħor fil-Kumpless tal-Għadd tal-Voti fin-Naxxar.

Il-Kummissjoni Elettorali għamlet ukoll ftehim mal-Unscheduled Bus Service biex jiġu pprovduti 151 coach u 18-il minibus għat-trasport tal-Assistenti Kummissjonarji Elettorali, tal-kaxex tal-voti u ta' materjal konness mill-postijiet tal-votazzjoni f'Malta lejn in-Naxxar wara l-10.00 p.m. Barra minn hekk, ġie pprovdut trasport lejn is-Sala tal-Għadd tal-Voti u lura lill-persuni kollha involuti fl-għadd tal-voti.

Fis-26 ta' Mejju, 2026, sabiex jivvotaw l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali u l-uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija, kien ipprovdut 'shuttle service' kull siegħa minn ħdejn il-Mall, Floriana lejn il-Kumpless tal-Għadd tal-voti u lura.

Fit-30 ta' Mejju, 2026, il-Kummissjoni Elettorali għamlet arranġament ma' Malta Public Transport sabiex is-servizz pubbliku tal-linja jibda siegħa aktar kmieni mis-soltu. Is-servizz mill-outstations beda fl-4.30 a.m. minflok fil-5.30 a.m., filwaqt li s-servizz mill-Belt Valletta beda fil-5.00 a.m. minflok fis-6.00 a.m.. Dan sar biex l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali li ma kellhomx trasport privat setgħu jaslu fil-ħin fil-post assenjat lilhom.

Inkera wkoll il-vapur MV Gaudos mingħand Gozo Channel Operations Ltd għat-trasport tal-kaxex tal-voti, tal-materjal konness u tal-Assistenti Kummissjonarji Elettorali minn Għawdex għal Malta wara l-għeluq tal-votazzjoni. Dan sar permezz ta' sbatax-il coach u minibus waħda minn Għawdex stess. Il-Kummissjoni Elettorali tinnota b'sodisfazzjon li t-trasport ipprovdut f'kull fażi tal-proċess elettorali kien effiċjenti.

# ARRANĠAMENTI FL-ISPTARIJIET U DJAR TAL-ANZJANI, INKLUŻ F'SVP

Is-Sottokumitat ta l-attenzjoni tiegħu fuq il-kmamar tal-votazzjoni fl-Isptarijiet Mater Dei (inkluż SAMOC), Karin Grech u Monte Karmeli f'Malta u fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex kif ukoll f'San Vinċenz de Paul sabiex jiffaċilita l-andament għall-votanti f'dawn l-istituzzjonijiet skont iċ-ċirkostanzi tagħhom. Saru diversi laqgħat preparatorji fejn ġew indirizzati xi problemi li qamu fil-passat.

Għall-votazzjoni fl-isptarijiet, żewġ Kummissjonarji kellhom ir-responsabbiltà tal-votazzjoni ġewwa San Vinċenz de Paul, l-Isptarijiet Mater Dei, Karin Grech u Monte Karmeli. Fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex kien hemm responsabbli Kummissjonarju wieħed.

Fl-34 Dar tal-Anzjani ntramaw 55 Kamra tal-Votazzjoni. F'disgħa minnhom intramaw żewġt ikmamar tal-votazzjoni, filwaqt li f'sitta minnhom intramaw tlett ikmamar tal-votazzjoni. Din iż-żieda fil-kmamar tal-votazzjoni saret biex jintlaħqu l-eżiġenzi partikolari ta' kull post għall-votazzjoni f'dawn l-istituzzjonijiet.

# POSTIJIET U KMAMAR TAL-VOTAZZJONI

Fid-diversi ġranet tal-votazzjoni kien hemm komplessivament 856 kamra tal-votazzjoni mqassma f'165 post tal-votazzjoni. Dawn kienu mqassma kif ġej:

## VOTAZZJONI TAT-23 TA' MEJJU, 2026

| Post tal-Votazzjoni | Kmamar tal-Votazzjoni għar-Residenti | Kmamar tal-Votazzjoni Mħallta |
|---|---|---|
| Sala tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar | 0 | 24 |
| Farm Sperimentali, Ix-Xewkija | 0 | 2 |
| San Vinċenz de Paul | 14 | 4 |
| Faċilità Korrettiva ta' Kordin | 0 | 1 |
| Djar tal-Anzjani f'Malta | 0 | 52 |
| Dar tal-Anzjani f'Għawdex | 0 | 3 |

## VOTAZZJONI TAS-26 TA' MEJJU, 2026

| Post tal-Votazzjoni | Kmamar tal-Votazzjoni għar-Residenti | Kmamar tal-Votazzjoni Mħallta |
|---|---|---|
| Sala tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar | 0 | 12 |
| Farm Sperimentali Ix-Xewkija | 0 | 1 |

## VOTAZZJONI TAT-28 TA' MEJJU, 2026

| Post tal-Votazzjoni | Kmamar tal-Votazzjoni għar-Residenti | Kmamar tal-Votazzjoni Mħallta |
|---|---|---|
| Sptar Mater Dei (inkluż SAMOC) | 0 | 5 |
| Sptar Karin Grech | 0 | 3 |
| Sptar Monte Karmeli | 0 | 3 |
| Sptar Ġenerali t'Għawdex | 1 | 1 |

## VOTAZZJONI TAT-30 TA' MEJJU, 2026

Postijiet tal-Votazzjoni

| | Malta | Għawdex |
|---|---|---|
| | 104 | 17 |
| **Total** | **121** | |

Kmamar tal-Votazzjoni

| | Malta | Għawdex |
|---|---|---|
| | 664 | 63 |
| **Total** | **727** | |

# LAQGĦAT INFORMATTIVI U TA' STRUZZJONI

Il-Kummissjoni Elettorali aġġornat u stampat il-kotba ta' struzzjonijiet għall-Assistenti Kummissjonarji Elettorali, għall-Pulizija inkarigati mit-tqassim tad-dokumenti għall-votazzjoni, kif ukoll għal dawk il-Pulizija assenjati mal-postijiet tal-votazzjoni.

Qabel il-jiem tal-votazzjoni, saru diversi laqgħat mal-Uffiċjali Għolja tal-Pulizija, tal-Armata u l-Protezzjoni Ċivili, bil-għan li jkun hemm sigurtà fil-jiem tal-votazzjoni fil-postijiet tal-votazzjoni, fl-Isptarijiet, fid-Djar tal-Anzjani, f'San Vinċenz de Paul u waqt l-għadd tal-voti fil-Kumpless tal-Għadd tal-Voti fin-Naxxar. Fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin is-sigurtà kienet taħt ir-responsabbiltà tal-uffiċjali tal-Faċilità stess. Saru wkoll laqgħat mal-LESA u Transport Malta, għall-immaniġġjar tat-traffiku lejn u lura mis-Sala tal-Għadd tal-Voti, wara li tkun għalqet il-votazzjoni u l-wasla tal-kaxxi tal-voti fis-Sala tal-Għadd tal-Voti.

Fl-aħħarnett, saru wkoll laqgħat informattivi, mifruxa fuq medda ta' laqgħat, biex ikopru lil kull min kellu jkun involut fil-proċess elettorali.  B'hekk, ġie spjegat fid-dettall, ix-xogħol li kellu jitwettaq mill-Assistenti Kummissjonarji Elettorali, b'enfasi fuq iċ-Chairpersons u l-Polling Place Officers, u mill-persuni f'diversi karigi waqt l-għadd tal-voti. Saru 5 laqgħat ta' informazzjoni għall-Assistenti Kummissjonarji Elettorali  u riservi fl-Uffiċċju Elettorali, In-Naxxar.  F'dawn il-laqgħat kull Assistent Kummissjonarju Elettorali ġie pprovdut b'link sabiex jaċċessa t-taħriġ onlajn. L-Assistenti Kummissjonarji Elettorali Għawdxin saritilhom laqgħa fil-Kulleġġ ta' Għawdex fir-Rabat. Fit-22 ta' Mejju, 2026 saret laqgħa separata għall-persuni maħtura bħala Polling Place Officers. 129 persuna servew, fl-erba' ġranet tal-elezzjoni, bħala tali uffiċjali.  Saru wkoll disa' laqgħat għall-persuni li kienu se jservu f'xi rwol marbut mal-għadd tal-voti.

Saru wkoll tliet laqgħat għall-Uffiċjali tal-Pulizija dwar it-tqassim tad-dokumenti għall-votazzjoni bieb bieb u laqgħa oħra għal meta t-tqassim kien se jkun mill-għases jew l-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali.  Matul it-tqassim tad-dokumenti għall-votazzjoni, l-Uffiċjali tal-Pulizija setgħu jiġu akkumpanjati minn rappreżentanti tal-Partit Laburista u tal-Partit Nazzjonalista. Il-membri tal-Korp kienu wkoll ipprovduti b'link onlajn sabiex jaċċessaw it-taħriġ speċifiku għalihom.

# ĦATRA TA' ASSISTENTI KUMMISSJONARJI ELETTORALI FIL-JIEM TAL-VOTAZZJONI U PERSUNI FID-DIVERSI KARIGI FL-GĦADD TAL-VOTI B'MOD ELETTRONIKU

Il-Kummissjoni Elettorali ħadet ħsieb sabiex meta tiftaħ is-sejħa għall-applikazzjonijiet ta' Assistenti Kummissjonarji Elettorali fil-Kmamar tal-Votazzjoni u għall-persuni li jgħoddu u jissorveljaw l-għadd tal-voti b'mod elettroniku, ikunu aċċettati applikazzjonijiet onlajn kif ukoll b'mod personali. L-applikazzjonijiet setgħu jimtlew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni Elettorali.

Il-ħatra tal-Assistenti Kummissjonarji Elettorali u tal-persuni biex iservu f'diversi karigi waqt l-għadd tal-voti saret skont il-provvedimenti tal-Liġi Elettorali u nkludiet nominazzjonijiet mill-Partiti Politiċi u kandidati indipendenti. Minn total ta' madwar 6,200 applikant, intgħażlu 4,165 Assistent Kummissjonarju Elettorali biex eventwalment servew fil-kmamar tal-votazzjoni.

Kien hemm ammont ieħor ta' riżervi li fit-30 ta' Mejju, 2026, kienu stazzjonati fl-iSkola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi, In-Naxxar, fil-Kulleġġ San Benedittu f'Ħal Kirkop, u fil-Kulleġġ tar-Rabat Għawdex biex ikunu stand-by, u viċin il-Postijiet tal-Votazzjoni f'każ ta' bżonn. Matul l-erbat ijiem tal-votazzjoni minn fost dawn ir-riservi intbagħtu oħrajn peress li l-assistenti, jew ma tfaċċawx, jew ma felħux ikomplu d-doveri tagħhom sal-aħħar.

Il-Kummissjoni Elettorali ħatret ukoll madwar 800 persuna biex jieħdu sehem fil-proċess tal-għadd tal-voti. Fost dawn kien hemm minnhom li ġew innominati mill-partiti/kandidati. Għall-kategoriji biex jaqdu d-doveri fl-għadd elettroniku, bħala Table Managers, Supervisors, Scan Operators u Adjudicators kien hemm madwar 280 persuna oħra.

# 04

# ERBAT IJIEM

## TA' VOTAZZJONI

## L-EWWEL JUM TAL-VOTAZZJONI

# IL-KUMMISSJONARJU ELETTORALI PRINĊIPALI U L-MEMBRI TAL-KUMMISSJONI ELETTORALI, VOTAZZJONI BIKRIJA, 34 DAR TAL-ANZJANI, SAN VINĊENZ DE PAUL U L-FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN

Fl-ewwel jum minn erbgħa allokati mil-liġi għall-votazzjoni, nhar is-Sibt, 23 ta' Mejju, 2026, ivvotaw dawk il-votanti li għamlu dikjarazzjoni li kienu ser ikunu msiefra jew kienu se jkunu rikoverati fi sptar f'jum il-votazzjoni proprja. Dawk minnhom irreġistrati fuq Malta vvotaw fis-Sala tal-Għadd tal-Voti fin-Naxxar, u dawk irreġistrati fuq Għawdex ivvotaw fix-Xewkija. Peress li kien hemm numru kbir ħafna ta' applikazzjonijiet għall-votazzjoni bikrija il-Kummissjoni Elettorali ramat 24 Kamra tal-Votazzjoni f'Malta u żewġt ikmamar tal-votazzjoni f'Għawdex. F'dan il-jum ivvotaw ukoll iċ-Chairman u l-Membri tal-Kummissjoni Elettorali, il-votanti residenti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, f'erbgħa u tletin Dar tal-Anzjani u f'San Vinċenz de Paul u l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali u riservi li kellhom iservu t-Tlieta, 26 ta' Mejju, 2026. Fl-ewwel jum tal-votazzjoni ivvotaw 14,818-il elettur minn massimu ta' 16,402 (90.3%).

FL-EWWEL JUM IVVUTAW / **14,818**

### IT-TIENI JUM TAL-VOTAZZJONI

## ASSISTENTI KUMMISSJONARJI ELETTORALI U L-UFFIĊJALI TAL-PULIZIJA

Fit-tieni jum tal-votazzjoni (it-Tlieta, 26 ta' Mejju, 2026) ivvotaw fis-Sala tal-Għadd tal-Voti fin-Naxxar u fix-Xewkija dawk l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali li kienu ser iservu bħala tali fil-ġranet l-oħra tal-votazzjoni, anke jekk bħala riservi kif ukoll kull Membru fil-Korp tal-Pulizija skont il-lista uffiċjali mibgħuta mill-Amministrazzjoni tal-Korp tal-Pulizija. Fit-tieni jum tal-votazzjoni ivvotaw 6,561 elettur minn massimu ta' 6,821 (96.2%).

### IT-TIELET JUM TAL-VOTAZZJONI

## ERBA' SPTARIJIET

Fit-tielet jum tal-votazzjoni (il-Ħamis, it-28 ta' Mejju, 2026) ivvotaw il-votanti li kienu rreġistrati bħala pazjenti fl-Isptarijiet Mater Dei (inkluż SAMOC), Karin Grech, Monte Karmeli u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, skont l-informazzjoni pprovduta mill-amministrazzjoni tal-isptar rispettiv sa nhar it-Tnejn, 25 ta' Mejju, fis-6.00p.m. Fit-tielet jum tal-votazzjoni ivvotaw 956 elettur minn massimu ta' 1,143 (83.6%).

### IR-RABA' JUM TAL-VOTAZZJONI

## IL-JUM TAL-VOTAZZJONI

Il-jum proprju tal-votazzjoni, li jiġi r-raba' u l-aħħar jum tal-votazzjoni, (is-Sibt, 30 ta' Mejju, 2026) ivvotaw il-biċċa l-kbira tal-eletturi f'Malta u f'Għawdex li ma kinux fil-listi tal-votanti fl-ewwel tlett ijiem imsemmija aktar qabel. L-unika eċċezzjoni hi li dawk li ma vvotawx għall-votazzjoni bikrija, xorta waħda kellhom id-dritt jivvotaw f'dan il-jum. Dawn ilkoll ivvotaw fil-postijiet tal-votazzjoni indikati fuq id-dokument għall-votazzjoni. F'dan il-jum, l-istess bħal fit-tlett ijiem ta' qabel, il-ħin tal-votazzjoni kien mis-7.00 ta' filgħodu sal-10.00 ta' billejl, mingħajr waqfien.

Tabella Nru. 7 (fl-Appendiċi) tindika t-totali ta' voti mitfugħa fid-diversi ġranet u kaxex tal-votazzjoni.

## VOTAZZJONI ASSISTITA

Is-sitwazzjoni tal-votazzjoni assistita żdiedet b'madwar 3,900 persuna meta mqabbla mal-elezzjoni tal-2022. Fl-elezzjoni tal-2022 kien hemm 10,634 talba għall-assistenza filwaqt li f'din l-elezzjoni saru 14,534 talba għall-assistenza waqt il-votazzjoni.

| | 2022 | 2026 |
|---|---|---|
| L-1 Distrett | 1,288 | **1,443** |
| It-2 Distrett | 1,400 | **1,384** |
| It-3 Distrett | 895 | **854** |
| Ir-4 Distrett | 762 | **867** |
| Il-5 Distrett | 817 | **822** |
| Is-6 Distrett | 1,059 | **1,657** |
| Is-7 Distrett | 688 | **822** |
| It-8 Distrett | 696 | **740** |
| Id-9 Distrett | 494 | **712** |
| L-10 Distrett | 554 | **575** |
| Il-11-il Distrett | 350 | **337** |
| It-12-il Distrett | 421 | **474** |
| It-13-il Distrett | 751 | **763** |
| *Oħrajn | 459 | **3,084** |
| | | |
| | **10,634** | **14,534** |

**Tkopri l-eletturi li vvotaw fl-Elezzjoni Bikrija, fid-Djar tal-Anzjani inkluż SVP, fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Assistenti Kummissjonarji Elettorali u Uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija.*



# IL-KAXXI TAL-VOTAZZJONI

Il-kaxxi tal-votazzjoni li ntużaw matul il-proċess fil-postijiet tal-votazzjoni mferrxa madwar Malta u Għawdex hekk kif għalqet il-votazzjoni,  ġew issiġillati fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Partiti Politiċi. Dawn ittieħdu, lejn il-Kumpless tal-Għadd tal-Voti, bit-trasport ipprovdut mill-Kummissjoni Elettorali, fejn tqiegħdu flimkien ma' dawk diġà maħżuna fl-istrongroom. L-istrongroom ġiet issiġillata mill-Kummissjoni Elettorali u anke mill-Partiti u ġiet imħarsa kontinwament minn Uffiċjali tal-Pulizija.

# MOWBAJLS UŻATI MILL-PPOS U SPEZZJONIJIET

Iċ-ċentru tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Elettorali f'dawn il-jiem kritiċi kien fin-Naxxar. Staff Elettorali kellu komunikazzjoni kontinwa mal-postijiet tal-votazzjoni kollha, speċifikament mal-Polling Place Officers. Dan kien possibbli permezz ta' mowbajls iddedikati biss biex jaqbdu mal-Kummissjoni Elettorali. Il-Kummissjoni Elettorali ġabret l-istatistika approssimattiva ta' kemm ivvotaw f'kull ċentru permezz tal-istess mowbajl, fis-2.00p.m. u fl-10.00p.m., liema statistika ġiet ippubblikata f'kull jum tal-votazzjoni.

Rappreżentanza mill-Kummissjoni Elettorali kienet il-ħin kollu fiċ-Ċentru tal-Komunikazzjoni li kien attrezzat bil-mezzi kollha neċessarji ta' komunikazzjoni biex jirrispondu għad-diffikultajiet li jinqalgħu minn ħin għal ieħor. Id-Delegati tal-Partiti Politiċi wkoll kellhom kuntatt dirett mal-Kummissjonarji biex iwasslu l-ilmenti u d-diffikultajiet tagħhom. Kien hemm kooperazzjoni sħiħa bejn il-Kummissjoni Elettorali u l-Partiti. Il-Kummissjonarji Elettorali l-oħra kollha, flimkien mal-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali, ħadu l-inkarigu li kontinwament, bi pjan, iduru l-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex biex jiġi żgurat li kull sitwazzjoni li tinqala' tiġi indirizzata fil-pront.




## OPPORTUNITAJIET GĦALL-MIDJA

Nhar it-Tnejn, il-25 ta' Mejju, 2026, il-midja kienet imsejħa għall-konferenza stampa, fiċ-Ċentru tal-Għadd tal-Voti, fejn ingħataw aktar dettalji dwar il-votazzjoni u l-għadd tal-voti.

F'Jum il-Votazzjoni, il-midja ngħatat il-faċilità, fil-preżenza ta' Kummissjonarji li tara u tieħu ritratti fil-ftuħ tal-votazzjoni fis-7.00a.m. fl-Iskola Medja tan-Naxxar u fl-għeluq fl-10.00p.m. fl-Iskola Sekondarja f'Santa Luċija. Barra minn hekk, il-ġurnalisti ġew mgħarrfa li setgħu jsegwu u jieħdu ritratti f'ċerti ħinijiet stabbiliti minn qabel fil-post tal-votazzjoni fejn u meta marru jivvotaw l-E.T. il-President tar-Repubblika (B'Kara), l-Onor. Prim Ministru (Iż-Żejtun), l-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni (Il-Munxar) u l-President tal-Parlament Ewropew (Tas-Sliema). F'dawn l-okkażjonijiet dejjem kien preżenti Kummissjonarju Elettorali.

## ARRANĠAMENTI SPEĊJALI WAQT IL-VOTAZZJONI

Bħal f'kull elezzjoni, il-Kummissjoni Elettorali reġgħet tat struzzjonijiet sabiex votanti li jkunu ser isiefru f'Jum il-Votazzjoni u jieħdu magħhom prova dokumentata tas-safar, persuni ta' età 'l fuq minn 75 sena u dawk li jinġiebu fuq stretchers, minn sptarijiet jew djar tal-anzjani jitħallew jaqbżu l-kju fi kwalunkwe ħin. Persuni ta' età bejn is-60 u l-75 sena, persuni li kellhom ċertifikat mediku u persuni bil-Karta tad-Diżabilità Ewropea maħruġa mill-Aġenzija Sapport tħallew jaqbżu l-kju bejn is-1.00p.m. u l-5.00p.m.

Biex jittaffa l-ammont ta' eletturi li kienu qed jistennew fil-kju biex jivvotaw, għal kull każ fejn il-votant talab għall-assistenza biex jivvota, daħlu 10 votanti li ma kellhomx il-ħtieġa ta' għajnuna.

Dawn l-arranġamenti u oħrajn anċillari flimkien ma' kordinament wasslu biex, proprju sal-10.00 ta' filgħaxija, kull votant f'Malta u f'Għawdex, li ried jivvota rnexxielu jagħmel hekk mingħajr il-ħtieġa li fl-ebda post ma jkun estiż il-ħin aktar minn dak stabbilit oriġinarjament.





## GĦELUQ IL-VOTAZZJONI

It-turnout nazzjonali attwali fuq l-erbat ijiem ta' votazzjoni kien ta' 87.5%. Dan fisser żieda ta' 1.9% fuq l-elezzjoni li saret fl-2022.

## TRASPORT BIL-COACHES U BL-MV GAUDOS

Il-votazzjoni għalqet fl-10.00p.m. u l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali, wara li raw li ma kienx għad baqa' votanti fil-post tal-votazzjoni, issiġillaw l-għotjien iż-żgħar tal-kaxex tal-votazzjoni fil-preżenza tal-Aġenti tal-Partiti u anke tal-kandidati li jidħlu fil-kmamar tal-votazzjoni bi dritt. Dawn għamlu r-rikonċiljazzjoni tad-dokumenti kollha kif titlob il-liġi u wara akkumpanjaw il-kaxex tal-votazzjoni, flimkien mar-rappreżentanti tal-Partiti u membri tal-Korp tal-Pulizija, sas-Sala tal-Għadd tal-Voti, fin-Naxxar bit-trasport ipprovdut mill-Kummissjoni Elettorali.

Hu ta' sodisfazzjon li t-trasport kollu bejn il-postijiet tal-votazzjoni u ċ-Ċentru tal-Għadd tal-Voti mexa b'organizzazzjoni kif ippjanat u f'ordni sħiħa. Fil-fatt, l-ewwel minibus waslet fiċ-Ċentru tal-Għadd tal-Voti fl-10.23p.m. (tas-Sibt) u kienet dik tal-Imdina, filwaqt li l-ewwel xarabank waslet fl-10.38p.m. mill-Ħamrun. L-aħħar xarabanks li waslu kienu minn Ħaż-Żebbuġ u l-Ħamrun li waslu f'00.03a.m. (tal-Ħadd). L-MV Gaudos salpa mill-Imġarr, Għawdex, lejn iċ-Ċirkewwa fil-11.15 p.m. u s-sbatax-il coach u mini bus waħda waslu n-Naxxar għall-ħabta ta' 00.35a.m., tal-Ħadd, 31 ta' Mejju, 2026.

# 05

# L-GĦADD TAL-VOTI U R-RIŻULTAT

# IL-FTUĦ TAL-KAXXI TAL-VOTAZZJONI

L-immaniġġjar tal-coaches u l-minibuses lejn is-Sala tal-Għadd, mexa ħafna aħjar mis-snin ta' qabel peress li ntużat għall-ewwel darba f'elezzjoni, triq ġdida li nfetħet quddiem iċ-Ċentru tal-Għadd tal-Voti. Mad-dħul fis-sala mgħammra apposta, li akkomodat sebgħa u għoxrin mejda bl-istaff magħhom, saret ir-rikonċiljazzjoni ta' kull kaxxa mar-Rendikont tal-poloz tal-votazzjoni. Dan il-proċess kien mexxej ħafna u tlesta sas-1.35a.m.

Fl-istess waqt li kien għaddej il-proċess ta' rikonċiljazzjoni ta' kull kaxxa li kienet qed tasal fil-Kumpless tal-Għadd tal-Voti, fl-10.00 p.m., fis-Sala tal-Għadd beda l-ftuħ tal-kaxxi tal-voti "mħallta". Wara li nfetħu l-kaxxi tal-voti "mħallta" bdew jinfetħu wkoll il-kaxxi tal-voti li kienu qed jaslu b'ritmu mgħaġġel mid-diversi postijiet tal-votazzjoni minn madwar Malta u Għawdex. Il-ftuħ tal-kaxxi tal-votazzjoni sar skont l-avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,636 tat-30 ta' April, 2026.

Beda wkoll b'mod ordnat il-proċess biex jiġi vverifikat in-numru eżatt ta' persuni li vvotaw billi tqabblu l-figuri mal-ballot paper accounts. Il-voti tpoġġew kollha wiċċhom 'l isfel lesti biex fil-ħin stabbilit, bdew jinqalbu wiċċhom 'il fuq, jintwerew lill-aġenti ta' wara l-perspex u jiġu skenjati. Dan il-proċess kien wieħed mgħaġġel u tlesta sal-5.30a.m. tal-Ħadd.

# IL-WIRI, L-ISKENJAR U L-AĠĠUDIKAZZJONI TAL-VOTI DUBJUŻI

Il-wiri tal-poloz tal-votazzjoni beda fid-9.00a.m. tal-Ħadd, 31 ta' Mejju, 2026. Malli l-poloz f'kull kaxxa nqalbu wiċċhom 'il fuq u kienu murija lill-Aġenti ta' wara l-perspex, il-poloz għaddew għall-proċess tal-iskenjar. Bis-sistema elettronika, bdew jingħaddu l-poloz f'kull kaxxa u jitqabbel in-numru ta' poloz skenjati ma' dak fuq ir-Rendikont ta' poloz tal-votazzjoni ddikjarat mill-Assistenti Kummissjonarji Elettorali. Meta t-totali jaqblu, il-voti dubjużi jgħaddu għall-ewwel stadju ta' aġġudikazzjoni.

Fl-ewwel stadju ta' aġġudikazzjoni kien hemm 26 postazzjoni, kull waħda mmexxija minn uffiċjal (Adjudicator) f'isem il-Kummissjoni Elettorali u fil-preżenza ta' rappreżentanti tal-Partiti/kandidati (imsejħa co-adjudicators). L-uffiċjal li jaġġudika f'isem il-Kummissjoni Elettorali jiddeċiedi dwar kull polza li tiġi rriferuta u kull fejn ma jkunx hemm qbil minn xi wieħed mir-rappreżentanti tal-Partit, il-polza tiġi rreferuta għat-tieni stadju ta' aġġudikazzjoni li jsir mill-Kummissjoni Elettorali.

Minħabba li s-sistema elettronika kienet ikkalibrata b'tali mod li taqbad kważi kull impreċiżjoni fuq il-polza tal-votazzjoni, 60,410 polza tal-votazzjoni ġew mgħoddija għall-aġġudikazzjoni, li minnhom fl-ewwel stadju, 53,060 instabu li kienu validi u 5,738 invalidi. L-oħrajn, jiġifieri 1,612, ġew riferuti lill-Kummissjoni Elettorali. Minn 1,612 -il polza, il-Kummissjonarji ddeċidew illi 1,257 kienu validi u 355 kienu invalidi. L-ewwel poloz dubjużi bdew ikunu aġġudikati mill-Kummissjonarji ftit minuti wara li beda l-proċess.




## VOTI MIXĦUTA, VALIDI U INVALIDI

Eventwalment l-ammont ta' voti mitfugħa f'din l-elezzjoni rriżulta hekk:

**312,129**
VOTI MIXĦUTA

**306,036**
VOTI VALIDI

**6,093**
VOTI INVALIDI

Il-persentaġġ ta' voti invalidi (2%) naqas marġinalment meta mqabbel ma' dak tal-2022 li kien ta' 2.9%. Ta' min jinnota illi 65.4% tal-voti invalidi kienu mħażżin jew mixħuta kompletament vojta (mhux immarkati). Tabelli Nri. 8, 9, 10 u 11 tal-appendiċi juru l-voti invalidi skont l-imwejjed tal-għadd u l-ammonti u persentaġġi tar-raġunijiet kollha tal-invalidità.

# IL-PROĊESS TAL-GĦADD U L-EWWEL PREFERENZI LILL-PARTITI

Sa minn meta l-poloz bdew jitpoġġew wiċċhom 'il fuq, il-Partiti Politiċi, permezz tal-aġenti tagħhom, min-naħa ta' barra tal-perspex, ħadu s-sampling tal-ewwel preferenzi.

